# QORTI CIVILI
# SEZZJONI FAMILJA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

## Nhar is-6 ta' Ottubru 2017

## Mandat ta' Inibizzjoni Numru: 233/2017/1 JPG

**Francesca Zammit Caruana (KI 592462M)**
**mart John Caruana**

**vs**

**John Caruana (KI 96959M)**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors ta' Francesca Zammit Caruana konfermat bil-gurament u prezentat fid-19 ta' Settembru 2017 li jaqra hekk:

*"Illi l-esponenti ghamel/se jaghmel quddiem il-Qorti ta' gurisdizzjoni kontenzjuza kawza ghas-separazzjoni personali.*

*Illi l-esponeneti jixtieq li l-Qorti tohrog mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimat sabiex jikkawtela l-kreditu taghha:*

*(a) jinzamm milli jbiegh, inehhi jittrasferixxi jew jiddisponi inter vivos sew b'titolu oneruz jew gratuwitu xi ishma f'xi socjeta'*

*kummercjali jew dawk l-ishma jkunu parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti, u b'mod partikolari:*

*1. Porzjon art diviza mill-Artijiet maghrufa bhala l-Wied ta' Ghajn Zejtuna, sive Santa Marija Estates, fil-limiti tal-Mellieha, markata bhala Plot numru 226 (mitejn u sitta u ghoxrin) fuq il-pjanta tal-imsemmijin art imsemmija fl-Att, tal-kejl superficjali, din il-porzjon ta' cirka elf, mitejn u hamsa u sittin metri kwadri punt decimali erbgha u hamsin (1265.54m$^2$) u skont l-irjiehat indikati, liema porzjon art li nxtrat fl-4 ta' Marzu, 1991, ghal hamest elef lira Maltin, illum qeghda tigi zviluppata b'mod illi l-valur taghha zdied bil-bosta u naturalment is-sehem tal-komunjoni tal-Akkwisti ezistenti bejn ir-rikorrenti u l-intimat gie sostanzjalment mizjud;*

*2. Porzjoni art diviza u maqsuma u fabrikabbli, formanti parti mill-ghalqa H'Attard denominata "Ta' Lixat", tal-kejl superficjali din il-porzjon ta' cirka seba mija, tnejn u sittin metri kwadri (762m$^2$) li minnhom cirka mija u wiehed u hamsin metru kwadru (151m$^2$) huma intenzjonati ghall-formazzjoni tat-triq u skont id-dettalji l-ohra inkluz fid-dokument, liema art kienet inxtrat fl-1 ta' Frar, elf disa' mija u erbgha u disghin (1994) u f'liema art issa saru zviluppi konsiderevoli, fosthom maisonettes u garages u anka taht l-art li in parte diga gew mibjughin, u allura l-interessi tar-rikorrenti fuq din l-art gia gew imminati u serjament pregudikati;*

*3. Penthouse li tinsab "The President", Block B, Birbal Street, Balzan, liema Penthouse qeghda tigi mikrija lil terzi u mid-dhul taghha fil-kiri, ir-Rikorrenti ma qeghda ddahhal xejn;*

*4. Appartament numru 3, f'"The President", Block B, Birbal Street, Balzan, liema appartament qed jigi mikri u mill-*

*introjtu tieghu l-Intimat ma qieghed jivversa xejn lil martu r-Rikorrenti;*

*5. Garaxx f'"The President", Triq Birbal, Balzan, liema garaxx qed jinkera bhala store u li mill-introjtu ta' l-kiri tieghu r-Rikorrenti ma qeghda ddahhal xejn u jzomm kollox l-Intimat zewgha;*

*6. Garaxx iehor fl-istess lokalita' u l-istess indirizz li wkoll qed jinkera lil terzi u li mill-introjtu tal-kirja l-Intimat ma qieghed jivversa xejn lil martu r-Rikorrenti;*

*7. Garaxx iehor li qieghed H'Attard, bl-isem ta' Gardenia, Triq l-Isfargell, u liema garaxx qed jinkera bhala store lil terzi u mill-introjtu li qed idahhal l-Intimat tal-kera huwa ma qieghed jivversa xejn lir-Rikorrenti martu;*

*8. Boat bl-isem* ***C'est La Vit****, (recte C'est La Vie), Fairline Targa 38, ta' kulur bajda b'faxxa hadra, ankrata fil-yacht marina tax-Xemxija;*

*9. L-Immobbli kollha u mobbli li jistghu ikunu fil-pussess tal-Intimat u fejn l-istess Intimat qed jiddisponi minnhom minghajr ma jgib il-kunsens jew l-awtorizzazzjoni tar-Rikorrenti martu: din il-Lista tista' tigi fornuta l-Qorti jekk ikun il-kaz.*

*(b) fejn ma thallix lill-intimat milli jaghmel xi dejn jew garanzija li tkun ta' piz fuq il-komunjoni ta' l-akkwisti;*

*Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni in kwistjoni kontra l-intimat.*

Rat id-dokumenti li kienu esebiti mar-rikors u permezz ta' nota prezentata fid-29 ta' Settembru 2017;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tad-19 ta' Settembru 2017 li bih laqghat it-talba provizorjament u appuntat ir-rikors ghas-smiegh;

Rat illi John Caruana gie debitament notifikat;

Rat ir-risposta ta' John Caruana datata fis-27 ta' Settembru 2017, a fol. 44, li permezz taghha iddikjara illi huwa ma jopponix ghat-talba tar-rikorrenti martu stante li huwa qatt ma kellu jew ghandu intenzjoni li jiddisponi min ebda assi u kull meta biegh proprjeta parafernali tieghu dan sar bil-kunsens ta' martu tant li kien mar biex jitnaqqas id-dejn li ghandhom il-partijiet mal-Bank of Valletta u biex ikopru l-ispejjez ta' l-izvilupp tal-blokka, "The President", Triq Birbal, Balzan. (Vide Fol 44)

Rat illi inghata differiment fis-seduta tal-5 ta' Ottubru ghas-6 ta' Ottubru 2017;

Rat illi l-avukati difensuri tal-partijiet awtorizzaw lill-Qorti li tghaddi ghad-decizjoni finali fuq il-provi li hemm in atti;

Rat l-Art.873 sa l-Art.877 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta` Malta;

Qieset ir-ragunijiet li wasslu lill-attrici sabiex tressaq dan il-procediment;

Qieset illi dawk ir-ragunijiet kienu konfermati bil-gurament permezz ta l-affidavit ta l-attrici iprezentat fid-29 ta' Settembru 2017 u minnha mahluf flimkien mad-dokumenti EDB 1 sa 21;

Qieset illi r-ragunijiet li wasslu lill-attrici biex taghmel it-talba taghha mhumiex kontradetti anzi kif jidher mit-tieni paragrafu tar-risposta guramentata, l-intimat John Caruana m'ghandu l-ebda oggezzjoni ghal hrug ta' dan il-mandat ta' inibizzjoni;

Billi jissussistu r-rekwiziti tal-Art. 873 tal-Kap. 12 ghall-hrug tal-Mandat;

Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda tilqa` t-talba tar-rikorrenti kif dedotta. Konsegwentement qeghda tordna l-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni kontra l-intimat John Caruana, fit-termini mitluba mir-rikorrenti.

Tordna lill-intimat sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta` dan il-procediment.

In oltre ai termini ta' Artikolu 874 (3) tal-Kapitolu 12, il-Qorti tordna lir-Registratur tal-Qrati tal-Gustizzja fi zmien erbgha u ghoxrin (24) siegha, jinnotifika lid-Direttur tar-Registru Pubbiku u lir-Registratur tal-Artijiet bl-atti ta' dan il-Mandat t'Inibizzjoni odjern.

Moghti kameralment illum is-6 ta' Ottubru, 2017.

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**